Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 360/14

**Robert Fenech** **(appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta** **(appellanti)**

22 ta' Novembru, 2016.

1. B'sentenza tat-13 ta' Lulju 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €3,037.64 ghad-danni li sofra fil-vettura tieghu fit-23 ta' Dicembru, 2015 meta dahal f'hofra li kien hemm fi Triq San Anard, Tarxien.

2. Il-konvenuta appellat mis-sentenza.

3. L-attur ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

4. **<u>L-ewwel aggravju.</u>**

Il-konvenuta tilmenta li t-Tribunal ma tax piz ghal fatt li mid-data tal-incident sakemm giet interpallata, kienu ghaddew ix-xhur. Jirrizulta li:

I. L-incident sehh fis-7 ta' Frar 2013.
II. F'Dicembru 2013 il-konvenut baghat ittra legali lill-konvenuta.

Hu veru li l-attur seta' nterpella lill-konvenuta qabel saru t-tiswijiet sabiex b'hekk kien ikollha l-opportunita li taghmel il-verifiki taghha dwar id-danni allegati. Madankollu dan in-nuqqas m'ghandux iwassal sabiex l-attur jiddekadi mid-dritt li jithallas ghad-danni li sofra. Il-qorti qrat l-atti kollha u ma ssib xejn li jista jwassalha sabiex tikkonkludi li l-attur ivvinta l-incident. It-tiswijiet li saru kien hemm bzonn li jsiru u saru wara survey li sar mis-surveyor Natalino Agius li hejja rapport dettaljat (fol. 5-6). Sahansitra rrizulta li dakinhar tal-incident, l-attur ghamel ukoll rapport f'ghassa tal-pulizija (ara rapport a fol. 21-22). Ghalkemm l-appellanti semmiet li l-vettura tal-attur kellha tlettax-il sena u li ghaliha jfissru *wear and tear* qawwi, m'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-hsara li garrbet il-vettura kienet relatata mal-fatt li kienet ilha tlettax-il sena fuq it-triq. Anzi mir-rapport ta' Natalino Agius jirrizulta mod iehor. Kieku riedet il-konvenuta kellha kull opportunita li tressaq opinjoni ta' espert *ex parte* li probabilment il-hsara li garbet il-vettura, kien

rizultat ta' *wear and tear*. Hu veru li l-konvenuta giet interpellata meta kienu diga' saru t-tiswijiet, madankollu mill-atti jirrizulta x'kienu l-parts li kellhom jinbidlu (ara rapport ta' Natalino Agius). Madankollu ma ressqitx prova teknika li l-parts li nbidlu fil-vettura tal-attur, hemm bzonn jinbidlu fir-rigward ta' vettura li tkun ilha tlettax-il sena tintuza. Hekk ukoll kieku riedet kellha wkoll kull opportunita' li titlob li tezamina l-vettura sabiex jigi determinat jekk b'mod generali din il-vettura, li Agius ikkonferma li kellha fuqha 57,936 mil, kinitx mizmuma f'kundizzjoni tajba jew le. Dan apparti li Agius xehed: *"Nixtieq inzid illi l-avukat accenna ghal mileage fir-rigward tal-karozza. Irrid nghid illi f'kaz ta' steering rack dan bil-mileage qatt ma jmur.* ***Dan irid bilfors ikolli incident biex ikollu din il-hsara u tghawwig"*** (fol. 34). L-unika prova ta' natura teknika li hemm hi li l-hsara li kien hemm fl-isteering tal-vettura hi kompatibbli mal-incident kif iddeskrivih l-attur.

Il-qorti tirrileva wkoll li meta ntbaghatet l-ittra legali, il-konvenuta llimitat ruhha biex tikkontesta l-pretensjoni tal-attur fuq it-tezi biss li fil-hin tal-incident kien qieghed isuq b'velocita eccessiva. Hu evidenti li l-Awtorita ma kkontestatx li fil-fatt l-incident sehh. Inoltre, ma saret l-ebda kontestazzjoni ghal fatt li filwaqt l-incident sehh fi-7 ta Frar 2013, kien biss f'Dicembru 2013 li l-attur interpellaha taghmel tajjeb ghad-danni.

Ghal dak li jirrigwarda l-hsarat, mid-deposizzjoni tas-surveyor Agius hu evidenti li dawn kienu rizultat tal-incident; *"Din kellha hsara fuq is-sistema tal-isteering. Il-hsara giet bazikament minn daqqa fuq ir-rota tax-xellug ta quddiem. Ir-rota kienet hadet hasda u ghalhekk dan trasmettiet l-istess hasda lill-isteering".* Fis-survey jinghad ukoll li minn spezzjoni tal-parts li nbidlu, irrizulta li *".... The main shaft of the steering was not straight. This must have endured an external force which has resulted in bending the shaft. The damage made the shaft move in a uniform way thus creating stress on the oil seals which in turn started leaking oil. This in my opinion is all due to the accident involving the vehicle going into the pot hole. The wheel must have trasferred force on the steering shaft causing it to bend"* (fol. 6).

Fir-rapport tas-surveyor hemm *sequence of events* ta kif graw l-affarijiet. Il-qorti tfakkar li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'huwiex marbut bir-regola tal-ahjar prova. Hu evidenti li s-surveyor iddahhal fix-xena wara li fis-6 ta Mejju 2013 l-attur mar jigbor il-vettura mit-tiswija u waqt li kien hiereg mill-garaxx hass eghbusija fl-isteering. Irrizulta li l-isteering kien qieghed iqattar iz-zejt u nfurmawh li kien hemm bzonn li jinbidel. Fil-fatt din kienet il-hsara magguri li sofriet il-vettura (ara tieni faccata tar-rapport ta Natalino Agius fejn hemm elenkat l-ispejjez).

5. **<u>It-tieni aggravju</u>**.

Il-konvenuta argumentat li l-probabilita hi li dak li gara kien minhabba speed eccessiv li biha kien qieghed isuq l-attur. L-Awtorita ssostni li kien hemm speed eccessiv minhabba li l-vettura garbet hsarat kbar. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx prova li l-appellat kien qieghed isuq bi speed eccessiv. Anzi s-surveyor Natalino Agius xehed li l-hsara li kellha

l-vettura tindika li l-attur kien qieghed isuq bi speed normali (ara fol. 32). F'kull kaz jekk il-vettura kienet qeghda tinstaq bi speed gholi, jibqa' 'l fatt li l-incident sehh minhabba l-istat dizastruz tat-triq. Mill-provi ma jirrizultax li hemm xi konnessjoni bejn speed u l-hsara. Mir-ritratti ezibiti hu evidenti li fiz-zmien tal-incident din it-triq kienet iktar tixbah triq f'pajjiz tat-tielet dinja milli triq f'pajjiz li jiftahar li hu membru ta-Unjoni Ewropea.

Inoltre, m'hemmx prova li 'l fatt li l-vettura kienet ilha fit-triq ghal tlettax-il sena, kellha xi konnessjoni mal-hsara li garbet il-vettura. Jidher li l-Awtorita kellha claims ohra dwar hsara f'vetturi ohra li ghaddew mill-istess triq. Pero' m'hemmx provi dwar il-marka tal-vetturi l-ohra li kienu nvoluti f'incidenti f'din l-istess triq. Il-vettura tal-attur hi tat-tip Audi TT, li hi karozza sportiva u baxxa.

Hu minnu li hemm diskrepanza bejn il-hsara li tissemma fir-rapport tal-pulizija u dik li tissemma fis-*survey report*. Fil-fatt fir-rapport tal-pulizija kull ma jinghad hu: *"hsarat: rota ta' quddiem naha ta' xellug (passiggier)"* (fol. 20). Madankollu mir-rapport ta' Natalino Agius hu evidenti li l-hsara nstabet wara li kien sar ir-rapport. Dan hu probabbli meqjus li l-hsara principali hi f'*mechanical parts* tal-vettura li ssir taf bihom wara li jsir process ta' zarmar.

**Konkluzjoni** – m'hemmx raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiddisturba l-konkluzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.